Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

Il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini (tfassil mill-ġdid) ***I

P6_TA(2009)0278

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini (tfassil mill-ġdid) (COM(2008)0780 – C6-0413/2008 – 2008/0223(COD))

(2010/C 184 E/65)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni – tfassil mill-ġdid)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0780),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, li skonthom il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0413/2008),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' tfassil mill-ġdid tal-atti legali ([1]),

— wara li kkunsidra l-ittra tat-3 ta' Frar 2009 tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizzata lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija b'konformità mal-Artikolu 80a(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 80a u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0254/2009),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u kif emendata hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

P6_TC1-COD(2008)0223

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' April 2009 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva *2009/…KE* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini (tfassil mill-ġdid)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 2002/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini ([4]) ġiet emendata ([5]). Billi għandhom isiru aktar emendi sostantivi, id-Direttiva għandha tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Ir-riżorsi naturali, skont l-użu prudenti u razzjonali msemmi fl-Artikolu 174 tat-Trattat, jinkludu prodotti taż-żejt, gass naturali u karburanti solidi, li huma sorsi essenzjali ta' enerġija però huma wkoll is-sorsi ewlenin ta' ħruġ ta' dijossidu tal-karbonju.

(3) ***Ladarba l-bini jammonta għal 40 % tal-konsum totali tal-enerġija fl-UE, it-tnaqqis*** tal-konsum tal-enerġija ***u l-użu ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu*** fis-settur tal-bini *jikkostitwixxu* parti importanti mill-miżuri meħtieġa sabiex jitnaqqsu ***d-dipendenza tal-enerġija tal-UE u*** l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. ***Flimkien ma' żieda fl-użu ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu, il-miżuri meħuda sabiex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija fl-UE jippermetti lill-UE li tkun konformi*** mal-Protokoll ta' Kjoto tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, ***(UNFCCC)***, ***u mal-impenn tagħha għall-futur imbiegħed sabiex iż-żieda tat-temperatura dinjija ma tkunx ogħla minn 2 °C, u l-impenn tagħha sabiex sal-2020 l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra jitnaqqsu b'tal-anqas 20 % taħt il-livelli tal-1990, u bi 30 % fil-każ ta' ftehim internazzjonali.***. It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija ***u ż-żieda fl-użu tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu*** *għandhom ukoll* sehem importanti fil-promozzjoni tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, l-iżvilupp teknoloġiku u l-għoti ta' opportunitajiet għall-impjiegi u l-iżvilupp reġjonali, *b'mod partikolari* f'żoni rurali.

(4) L-amministrazzjoni tad-domanda għall-enerġija hija għodda importanti sabiex il-Komunità tkun tista' tinfluwenza s-suq globali tal-enerġija u b' hekk is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fuq tul ta' żmien medju u twil.

([1]) *Opinjoni tat-13 ta' Mejju 2009 (għad mhux ippubblikat fil-ĠU).*
([2]) *Opinjoni tal-21 ta' April 2009 (għad mhux ippubblikat fil-ĠU).*
([3]) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009.*
([4]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 65.
([5]) Ara l-Anness *VI*, Parti A.

(5) Il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007 saħaq dwar il-ħtieġa li titkabbar l-effiċjenza tal-enerġija fil-Komunità sabiex jintlaħaq l-għan tat-tnaqqis b' 20 % tal-konsum tal-enerġija tal-Komunità sal-2020 u sejjaħ għal implimentazzjoni bir-reqqa u rapida tal-prijoritajiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *intitolata* "Pjan ta" Azzjoni għall-Effiċjenza tal-Enerġija: it-Twettiq tal-Potenzjal' [titlu mhux uffiċjali]. Dan il-Pjan ta' Azzjoni identifika l-potenzjal sinifikanti għal iffrankar tal-enerġija bi spiża effettiva fis-settur tal-bini. Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2008, *talab it-tisħiħ* tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/91/KE, ***u talab bosta drabi, l-aħħar darba fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2009 dwar it-Tieni Reviżjoni tal-Enerġija Strateġika [1], li l-mira ta' żieda tal-effiċjenza tal-enerġija b'20 % sal-2020 issir vinkolanti. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra biex jilħqu l-impenji ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2020 [2] tistabbilixxi miri li jorbtu fuq livell nazzjonali għat-tnaqqis ta' CO_2, li għalihom l-effiċjenza tal-enerġija fis-settur tal-bini se tkun kruċjali, u d-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu [3] titlob li tkun promossa l-effiċjenza tal-enerġija fil-kuntest ta' mira vinkolanti dwar l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu li tammonta għal 20 % tal-konsum totali tal-enerġija tal-UE sal-2020.***

(6) Il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007 afferma mill-ġdid l-impenn tal-Komunità favur l-iżvilupp fil-Komunità kollha tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu billi jħaddan mira mandatorja ta' sehem ta' 20 % ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu sal-2020. Id-Direttiva 2009/28/KE tistabbilixxi qafas komuni għall-promozzjoni ta' enerġiji minn sorsi li jiġġeddu. Din tenfasizza l-bżonn li jkun inkorporat fattur għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli biex tinkiseb il-prestazzjoni minima tal-enerġija skont id-Direttiva 2002/91/KE sabiex jitħaffef l-istabbiliment ta' livelli minimi għall-użu ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu fil-bini.

(7) Is-settur residenzjali u terzjarju, li l-biċċa l-kbira tiegħu huwa binjiet , jikkostitwixxi madwar 40 % tal-konsum finali tal-enerġija fil-Komunità u qed jiżdied, tendenza li għandha twassal għal żieda fil-konsum tal-enerġija u għaldaqstant fl-emissjonijiet tal-dijossidu tal-karbonju.

(8) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti aktar azzjonijiet konkreti sabiex jintlaħaq il-potenzjal enormi għall-iffrankar tal-enerġija fil-binjiet u jitnaqqsu d-differenzi kbar fir-riżultati tal-Istati Membri f'dan is-settur.

(9) Miżuri oħra sabiex tkun imtejba l-prestazzjoni tal-enerġija għandhom iqisu l-kundizzjonijiet klimatiċi u lokali kif ukoll l-ambjent klimatiku ta' ġewwa u l-ispiża effettiva . Dawn il-miżuri m'għandhomx jeffettwaw rekwiżiti oħra dwar bini bħall-aċċessibbiltà, is-sikurezza u l-użu maħsub ta' dak il-bini.

(10) Il-prestazzjoni enerġetika tal-bini għandha tkun ikkalkolata fuq il-bażi ta' metodoloġija, ***komuni, b'fatturi varjabbli oġġettivi li jqisu d-differenzi klimatiċi reġjonali*** u li tinkludi, flimkien mal-karatteristiċi termali, fatturi oħra li għandhom rwol dejjem aktar importanti ***bħas-sistemi ta' tisħin, tberrid u ventilazzjoni, l-irkupru tas-sħana, il-kontroll ta' żona partikulari***, l-applikazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli, elementi ta' tisħin u tberrid passiv, dell, kwalità tal-arja ta' ġewwa, ***il-kejl xieraq ta'*** dawl naturali***, u s-sistemi ta' iżolament u ta' tidwil, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' kontroll*** u d-diżinn tal-bini. Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-prestazzjoni tal-enerġija m'għandux ikun ibbażat biss fuq l-istaġun meta jkun meħtieġ it-tisħin, iżda għandu jkopri l-prestazzjoni tal-enerġija annwali tal-bini. ***Dik il-metodoloġija għandha tqis l-istandards Ewropej eżistenti.***

(11) L-Istati Membri għandhom jiffissaw rekwiżiti minimi għall-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini. Dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ffissati bil-għan li jintlaħaq bilanċ bi spiża ottimali bejn l-investimenti involuti u l-ispejjeż tal-enerġija ffrankati tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini . Għandu jkun hemm provvediment għal possibilità li l- Istati Membri regolarment jirrevedu r-rekwiżiti minimi tagħhom tal-prestazzjoni tal-enerġija għall-bini *fid-dawl tal-* progress tekniku.

([1]) ***Testi adottati P6_TA(2009)0038.***
([2]) ***ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136.***
([3]) ***ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.***

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

(12) Din id-Direttiva hija bla ħsara għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat. Għalhekk, *it-terminu* "inċentiv" użat f'din id-Direttiva m'għandux jiġi interpretat bħala li jinkludi għajnuna mill-Istat.

(13) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi metodoloġija ***komuni*** għall-kalkolu ta' livelli ta' spiża ottimali għar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija. ***Din il-metodoloġija għandha tkun konformi ma' dik użata fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità applikabbli għar-rekwiżiti ta' prestazzjoni għall-prodotti, il-komponenti u s-sistemi ta' bini tekniċi li jiffurmaw il-bini.*** L-Istati Membri għandhom jużaw din il-metodoloġija ***komuni*** biex ***jadottaw ir-rekwiżiti*** minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija li jkunu adottaw. Ir-riżultati ta' dan ***il-kalkolu*** u d-dejta użata biex *jinkisbu* dawn ir-riżultati għandhom jiġu *rrappurtati* regolarment lill-Kummissjoni. Dawn ir-rapporti għandhom jgħinu lill-Kummissjoni *tevalwa* l-progress tal-Istati Membri fl-ilħiq ta' livelli bi spiża ottimali ta' rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija u tirrapporta dwar dan il-progress. ▌ L-Istati Membri għandhom ***japplikaw*** din il- *metodoloġija* ▌ meta jirrevedu ***u jistabbilixxu*** r-rekwiżiti minimi tagħhom tal-prestazzjoni tal-enerġija.

(14) Il-bini għandu impatt ***kbir*** fit-tul fuq il-konsum tal-enerġija. ***Minħabba ċ-ċiklu twil ta' tiġdid tal-bini eżistenti,*** bini ġdid***, u bini eżistentili huwa suġġett għal tiġdid kbir,*** għandu għaldaqstant *jissodisfa* rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal -enerġija adattati għall- klima lokali. Peress li l-applikazzjoni ta' sistemi alternattivi ta' provvista tal-enerġija ġeneralment mhux esplorata għall-potenzjal kollu tagħha, ▌ sistemi *alternattivi* ta' provvista tal-enerġija ***għal bini ġdid u eżistenti*** għandhom ikunu meqjusa, ikun xi jkun id-daqs ***tiegħu, skont il-prinċipju li qabel xejn ikun żgurat li l-ħtiġiet enerġetiċi għat-tisħin u t-tberrid jitnaqqsu għal livell minimu ottimali fir-rigward tal-ispejjeż***.

(15) Tibdil estensiv f'bini eżistenti , ikun xi jkun id-daqs tiegħu, jipprovdi opportunità sabiex jittieħdu miżuri bi spiża effettiva sabiex tkun imtejba l-prestazzjoni tal-enerġija ***tal-bini kollu***. ***Bl-iffissar ta' rekwiżiti għal miżuri effettivi fir-rigward tal-infiq, ikun żgurat li ma jinħolqu ebda ostakli li jistgħu jiskuraġġixxu li jitwettaq tiġdid kbir.***

(16) Hemm studji li juru li s-settur tal-kostruzzjoni jbati minn ineffiċjenza li twassal għal spejjeż għall-utent aħħari li jkunu ferm ogħla mill-ispejjeż ottimali. Il-kalkoli juru li l-ispejjeż għall-bini jistgħu jitnaqqsu bi 30-35 % permezz ta' anqas skart f'ħafna mill-proċessi ta' kostruzzjoni u għal ħafna mill-prodotti. In-nuqqas ta' effiċjenza fis-settur tal-bini huwa theddida ewlenija għall-għan u l-iskop ta' din id-Direttiva, peress li n-nefqa għolja u mhux ġustifikata għall-bini u t-tiġdid tnaqqas l-effikaċja fir-rigward tal-infiq, u għaldaqstant l-effikaċja enerġetika fis-settur. Sabiex ikun iggarantit li din id-Direttiva taħdem sew, il-Kummissjoni għandha tevalwa t-tħaddim tas-suq tal-kostruzzjoni u tirrapporta l-konklużjonijiet u s-suġġerimenti tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżguraw l-ipprezzar trasparenti fil-qasam tal-kostruzzjoni u t-tiġdid, u barra minn hekk għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jitneħħew, għal parteċipanti żodda, speċjalment għall-SMEs, ostakli għad-dħul fis-suq, u għal faċilitajiet u infrastruttura rilevanti.

(17) Sabiex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-apparat domestiku u tat-tisħin u t-tberrid, it-teknoloġija tal-informazzjoni għandha tkun żviluppata u użata, bil-għan li jkun hemm "binjiet intelliġenti".

(18) Huma meħtieġa miżuri biex jiżdied l-għadd ta' bini li mhux biss jilħaq ir-rekwiżiti minimi kurrenti tal-prestazzjoni tal-enerġija, imma li ***jiżguraw tal-anqas l-ogħla livell xieraq fir-rigward ta' spejjeż ta' prestazzjoni tal-enerġija***. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom ifasslu *pjanijiet* nazzjonali għal żieda fl-għadd ta' bini li ***ma jikkonsmawx enerġija jew ma jipproduċux emissjonijiet*** u *jagħtu rapport dwarhom* regolarment lill-Kummissjoni.

(19) Sabiex jiġi limitat il-piż tar-rappurtar tal-Istati Membri, għandu jkun possibbli li jiġu integrati r-rapporti meħtieġa minn din id-Direttiva fil-Pjani ta' Azzjoni għall-Effiċjenza ta' Enerġija msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament tal-5 ta' April 2006 dwar effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija ▌([1]). Is-settur pubbliku f'kull Stat Membru għandu jkun minn ta' quddiem fil-qasam tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, u għalhekk il-pjani nazzjonali għandhom jistabbilixxu miri aktar ambizzjużi għall-binjiet okkupati mill-awtoritajiet pubbliċi.

([1]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.

(20) L-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa jiħedu miżuri minbarra dawk stipulati f'din id-Direttiva biex jippromwovu l-effiċjenza enerġetika mtejba tal-binjiet. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu inċentivi għan-negozji, għas-sidien tad-djar u għall-inkwilini, inklużi rati mnaqqsa ta' VAT għas-servizzi ta' tiġdid tal-binjiet.

(21) L-Istati Membri għandhom jevitaw ir-regolazzjoni mgħawġa tal-prezzijiet tal-enerġija għall-konsumaturi li ma tagħtix inċentivi biex tiġi ffrankata l-enerġija.

(22) Ix-xerrej u *l-inkwilin prospettivi* ta' bini jew partijiet minnu għandhom, *permezz taċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija,* jingħataw informazzjoni korretta dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini u pariri prattiċi dwar it-titjib tagħha. ***Is-sidien u l-inkwilini ta' binjiet kummerċjali għandhom ikunu obbligati wkoll li jaqsmu tagħrif dwar il-konsum reali tal-enerġija, sabiex jiżguraw li tkun disponibbli d-dejta kollha biex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar it-titjib meħtieġ.*** Iċ-ċertifikat għandu wkoll jipprovdi informazzjoni dwar l-impatt attwali tat-tisħin u tat-tberrid fuq il-ħtiġijiet enerġetiċi tal-bini, dwar il-konsum tal-enerġija primarja u dwar l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju. ***Is-sidien tal-bini għandu jkollhom l-opportunità li jitolbu ċ-ċertifikazzjoni jew ċertifikat aġġornat f'kull ħin, mhux biss meta l-bini jinkera, jinbiegħ jew jiġi rinnovat.***

(23) L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħtu eżempju u għandhom jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija fil-perjodu tal-validità tiegħu. L-Istati Membri għandhom jinkludu fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom miżuri li jappoġġjaw lill-awtoritajiet pubbliċi biex jadottaw kmieni t-titjib fl-effiċjenza tal-enerġija u biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija fil-perjodu tal-validità tiegħu. Fl-iżvilupp tal-pjanijiet nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lir-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

(24) B'konformità mar-rekwiżiti dwar l-istallazzjoni ta' miters intelliġenti stipulati fid-Direttiva 2006/32/KE, is-sidien u l-inkwilini għandhom jingħataw tagħrif eżatt dak il-ħin stess dwar il-konsum tal-enerġija fil-binjiet li huma jkunu jokkupaw.

(25) Bini okkupat minn awtoritajiet pubbliċi u bini li spiss jintuża mill-pubbliku ***għandu*** jkun ta' eżempju billi juru li qed jittieħdu konsiderazzjonijiet ambjentali u ta' enerġija u għaldaqstant dan il-bini għandu jkun suġġett għal ċertifikazzjoni tal-enerġija fuq bażi regolari. It-tixrid lill-pubbliku tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-enerġija għandu jkun imtejjeb billi jkunu murija b'mod ċar dawn iċ-ċertifikati. ***Jekk l-Istati Membri jagħżlu li jinkludu l-użu tal-enerġija bħala parti mir-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tal-enerġija, għandha tkun possibbli strateġija bbażata fuq is-sit li biha numru ta' binjiet fl-istess inħawi u okkupati mill-istess organizzazzjoni jagħmlu użu mill-istess miters tal-enerġija.***

(26) L-iżgurar tar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija maħruġa minn Stati Membri oħra probabilment se jkun importanti għall-iżvilupp tas-suq transkonfinali tas-servizzi finanzjarji u oħrajn li jappoġġjaw l-effiċjenza tal-enerġija. Biex dan ikun iffaċilitat, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi standards minimi komuni għall-kontenut u l-preżentazzjoni taċ-ċertifikati, u għall-akkreditazzjoni tal-esperti. Kull ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija għandu jkun disponibbli sew bil-lingwa tas-sid kif ukoll tal-inkwilin, sabiex ir-rakkomandazzjonijiet jinftiehmu malajr.

(27) L-aħħar snin raw żieda fin-numru ta' sistemi tal-arja kondizzjonata fil-pajjiżi tal-Ewropa. Dan iwassal għal problemi konsiderevoli fil-ħinijiet l-aktar intensivi, li jżidu l-prezz tal-elettriku u jiddisturbaw il-bilanċ tal-enerġija ***fl-Istati Membri kollha. Għandha tingħata prijorità lil strateġiji li jtejbu l-prestazzjoni termika tal-bini matul x-xhur tas-sajf. Għal dan il-għan, għandu jkun hemm aktar żvilupp ta' metodi ta' tberrid passiv, l-aktar dawk li jtejbu l-kundizzjonijiet klimatiċi interni u l-mikroklima ta' madwar il-binjiet***.

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

(28) Spezzjoni regolari ta' sistemi tal-arja kondizzjonata minn persuni kkwalifikati *tikkontribwixxi* sabiex jinżamm l-aġġustament korrett skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott u b'dan il-mod tinżamm prestazzjoni ottimali minn perspettiva ambjentali, ta' sigurtà u ta' enerġija. Għandu jkun hemm stima indipendenti tas-sistema kollha tat-tisħin u l-ikkundizzjonar tal-arja b'intervalli regolari tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, *b'mod partikolari* qabel ma jiġu sostitwiti jew aġġornati. ***Sabiex jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv fuq is-sidien u l-inkwilini tal-bini, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull ċertifikazzjoni għall-prestazzjoni tal-enerġija tinkludi spezzjoni tas-sistemi tal-arja kondizzjonata; u li, kemm jista' jkun, l-ispezzjonijiet tas-sistemi tal-arja kondizzjonata jitwettqu fl-istess żmien.***

(29) Approċċ komuni għaċ-ċertifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini u għall-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tal-ikkundizzjonar tal-arja , magħmula minn esperti kkwalifikati u akkreditati, li l-indipendenza tagħhom għandha tkun iggarantita fuq il-bażi ta' kriterji objettivi, se jikkontribwixxi għal livell ekwu fejn jidħlu l-isforzi fl-Istati Membri sabiex ma jkunx hemm ħela ta' enerġija fil-qasam tal-bini u se jintroduċi trasparenza għas-sidien u l-utenti prospettivi fejn għandha x'taqsam il-prestazzjoni tal-enerġija fis-suq tal- proprjetà fil-Komunità. Sabiex tkun garantita l-kwalità taċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u tal-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u l-ikkundizzjonar tal-arja madwar il-Komunità, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' kontroll indipendenti f'kull Stat Membru.

(30) L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' din id-Direttiva. Ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jiġu kkonsultati dwar kull aspett tal-implimentazzjoni tagħha kemm f'livell nazzjonali kif ukoll f'livell reġjonali. Min jippjana lokalment u l-ispetturi tal-bini għandhom jirċievu gwida adegwata u riżorsi biex iwettqu x-xogħol meħtieġ.

(31) Sakemm l-aċċess għall-professjoni ta' installatur jew l-eżerċizzju tagħha jkunu regolati, il-prekondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali huma stabbiliti fid-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali [1]***. Għalhekk din id-Direttiva tapplika bla ħsara għad-Direttiva 2005/36/KE. Filwaqt li d-Direttiva 2005/36/KE tistabbilixxi rekwiżiti għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali, inkluż għall-periti, hemm ħtieġa oħra li jkun żgurat li l-periti u min jippjana jikkunsidraw b'mod xieraq it-teknoloġiji b'livell għoli ta' effiċjenza fil-pjanti u d-diżinni tagħhom. L-Istati Membri għalhekk għandhom jipprovdu gwida ċara. Dan għandu jsir bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/36/KE u b'mod partikulari l-Artikoli 46 u 49 tagħha.***

(32) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-implimentazzjoni ta' poteri mogħtija lill-Kummissjoni [2].

(33) *B'mod partikolari* l-Kummissjoni *għandha tingħata s-setgħa* biex tadatta ċerti partijiet mill-qafas ġenerali stabbilit fl-Anness I għall-progress tekniku, tistabbilixxi ***metodoloġija komuni*** għall-kalkolu ta' livelli ta' spiża ottimali ta' rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija, u tistabbilixxi ***definizzjoni ta' bini li ma jikkonsmax enerġija jew li ma jipproduċix emissjonijiet meta jitqiesu l-kundizzjonijiet tat-temp reġjonali normali u t-tibdil imbassar f'dawn il-kundizzjonijiet tat-temp matul iż-żmien***. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, *inter alia billi jissupplimentawha b'elementi ġodda mhux essenzjali,* dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(34) Ġaladarba l-applikazzjonijiet intelliġenti tad-tidwil bħalissa jikkostitwixxu madwar 14 % tal-enerġija użata fl-UE, u ladarba s-sistemi tat-tidwil moderni tal-iprem kwalità jistgħu jiffrankaw iżjed minn 80 % ta' enerġija filwaqt li jżommu l-kundizzjonijiet tad-dawl f'konformità mal-istandards Ewropej, u dan huwa kontribut li għadu ma ġiex sfruttat biżżejjed biex l-Unjoni Ewropea tilħaq l-objettivi tal-UE għall-2020, il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa favur l-adozzjoni ta' Direttiva dwar id-Diżinn tat-Tidwil sabiex tikkumplimenta l-miżuri u l-objettivi stipulati f'din id-Direttiva. Effiċjenza ikbar fl-enerġija li tirriżulta minn diżinn aħjar tat-tidwil u mill-użu effiċjenti tar-riżorsi tad-dawl b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/…KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'…(li tistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' eko-disinn għal prodotti relatati mal-enerġija (tfassil mill-ġdid)) [3] ***hija meqjusa bħala kontribut sinifikanti għal prestazzjoni enerġetika aħjar fil-bini.***

---

[1] ***ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.***
[2] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
[3] ***ĠU L …***

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

(35) Billi l-għanijiet għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri minħabba l-kumplessità tas-settur tal-bini, u *minħabba* n-nuqqas ta' ħila tas-swieq nazzjonali tal-proprjetà li jindirizzaw b'mod xieraq l-isfidi ***tal-prestazzjoni*** tal-enerġija, u jistgħu, fid-dawl tal-medda u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, bi qbil mal-prinċipji tas-sussidjarjetà *speċifikati* fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipji tal-proporzjonalità, kif stabbiliti f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(36) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva preċedenti. L-obbligu li d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux jiġu trasposti ġej mid-Direttiva preċedenti.

(37) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stipulati fil-Parti B tal-Anness VI,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tippromwovi t-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini fi ħdan il-Komunità, filwaqt li tqis ir-rekwiżiti tal-klima ta' barra u kundizzjonijiet lokali, kif ukoll rekwiżiti tal-klima ta' ġewwa u ***livelli ottimali fir-rigward tal-ispejjeż tal-prestazzjoni tal-enerġija***.

Din id-Direttiva tispeċifika rekwiżiti kif ġejjin dwar:

(a) ▌metodoloġija għall-kalkolu tal-prestazzjoni tal-enerġija integrata tal-bini u partijiet minnu***, tal-komponenti tal-bini u tas-sistemi tekniċi ta' bini***;

(b) l-applikazzjoni tar-rekwiżiti minimi għall-prestazzjoni tal-enerġija ta' bini ġdid u partijiet minnu;

(c) l-applikazzjoni tar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija ta' bini eżistenti li ▌li huma suġġetti għal tibdil kbir ***u tal-komponenti tal-bini u tas-sistemi tekniċi tal-bini kull meta dawn ikunu mibdula jew aġġornati***;

(d) *pjanijiet* ***u objettivi*** nazzjonali għal żieda fl-għadd ta' ***binijiet li ma jikkonsmawx enerġija u ma jipproduċux emissjonijiet***;

(e) iċ-ċertifikazzjoni tal-enerġija tal-bini jew partijiet minnu;

(f) spezzjoni regolari tas-sistemi tat-tisħin u tal-arja kundizzjonata fil-bini;

(g) sistemi ta' kontroll indipendenti għaċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-nerġija u rapporti ta' spezzjoni;

(h) l-edukazzjoni, it-taħriġ u r-rekwiżiti tar-rikonoxximent reċiproku bejn l-Istati Membri għal min joħroġ iċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini u għall-ispetturi tas-sistemi tat-tisħin u tal-arja kondizzjonata;

(i) pjanijiet nazzjonali biex jiġu eliminati l-ostakoli skont il-liġijiet dwar il-bini, il-kera u l-ħarsien tal-wirt u biex jinħolqu inċentivi nazzjonali.

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-għan ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

(1) "bini /binja " tfisser kostruzzjoni msaqqfa li għandha l-ħitan, li għaliha tintuża l-enerġija sabiex tkun kundizzjonata l-arja ta' ġewwa;

(2) "bini ġdid" tfisser bini li għalih inkisbet l-awtorizzazzjoni għall-kostruzzjoni rilevanti wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva;

(3) "partijiet minn bini" tfisser appartamenti jew unitajiet iddiżinjati għal użu separat fil-blokki tal-bini;

(4) "bini li ma jikkonsmax enerġija u ma jipproduċix emissjonijiet" tfisser bini fejn, minħabba l-livell għoli ħafna ta' effiċjenza enerġetika ta-bini, il-konsum enerġetiku ewlieni annwali u globali huwa daqs il-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fil-post, jew anqas minnha;

(5) "sistema teknika tal-bini" tfisser tagħmir tekniku għat-tisħin, it-tberrid, il-ventilazzjoni, il-misħun, it-tidwil u l-produzzjoni tal-elettriku ***, il-kejl, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' kontroll,*** jew tagħqida ta' dawn;

(6) "prestazzjoni tal-enerġija ta" bini' tfisser l-ammont ta' enerġija kkalkulat jew imkejjel meħtieġ biex jilħaq id-domanda ***ewlenija*** tal-enerġija assoċjata mal-bżonnijiet differenti tal-bini, ***imfissra f'kWh/m 2 fis-sena, u*** li jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, *l-enerġija użata għat-tisħin, il-misħun, it-tberrid, il-ventilazzjoni* ***, u t-tidwil fiss, filwaqt li jitqiesu l-gwadanni passivi mix-xemx, is-sistemi li jagħtu d-dell*** u *d-dawl naturali*;

(7) "enerġija primarja": tfisser enerġija ***minn sorsi li jiġġeddu u minn sorsi li ma jiġġeddux*** li ma għaddiet mill-ebda proċess ta' konverżjoni jew trasformazzjoni;

(8) "enerġija minn sorsi li jiġġeddu" tfisser l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu mhux fossili: enerġija mir-riħ, mix-xemx, ġeotermika, aerotermika, idrotermika u mill-oċeani, idroelettrika, mill-bijomassa, mill-gass tal-landfills, mill-gass minn impjanti għat-trattament tad-dranaġġ u mill-bijogassijiet;

(9) "involukru tal-binja" tfisser elementi ***integrati*** ta' binja li jifirdu l-ġewwieni tagħha mill-ambjent ta' barra ;

(10) "komponent tal-bini" tfisser parti individwali ta' bini li jaffettwa l-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini u li ma tkunx koperta minn sistema teknika ta' bini, inklużi t-twieqi, is-sistemi ta' dell, il-bibien esterni, il-ħitan, il-pedament, iċ-ċangatura tal-kantina, is-saqaf, il-bejt, u s-sistemi ta' iżolament;

11) "tibdil/tiġdid kbir": tfisser it-tibdil f'bini meta

(a) l-ispiża totali għat-tibdil marbuta mal-involukru tal-binja jew is-sistemi tekniċi tal-bini tkun ogħla minn ***20*** % tal-valur tal-binja, ***f'liema każ il-valur għandu jkun imsejjes fuq l-ispejjeż attwali tal-kostruzzjoni fl-Istat Membru konċernat,*** eskluż il-valur tal-art li fuqha qiegħda l-binja, jew

(b) aktar minn 25 % tas-superfiċje tal-involukru tal-bini***, li jkollha effett dirett fuq il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini,*** tgħaddi minn tibdil;

(12) "standard Ewropew": tfisser standard adottat mill-Kumitat Ewropew dwar l-Istandardizzazzjoni, il-Kumitat Ewropew dwar l-Istandardizzazzjoni Elettroteknika jew l-Istitut Ewropew dwar l-Istandards tat-Telekomunikazzjoni, u magħmul disponibbli għall-użu pubbliku;

(13) "ċertifikat dwar il-prestazzjoni tal-enerġija " tfisser ċertifikat rikonoxxut minn Stat Membru jew persuna ġuridika magħżula minnu, li tindika l-prestazzjoni -tal-enerġija ta' bini jew partijiet minnu kkalkulata skont metodoloġija bbażata fuq qafas ġenerali speċifikat fl-Anness adottata skont l-Artikolu 3;

(14) "koġenerazzjoni" tfisser il-ġenerazzjoni simultanja fi proċess wieħed ta' enerġija termali u enerġija elettrika u/jew mekkanika;

(15) "livell ta" spiża ottimali' tfisser ***il-livell fejn l-analiżi tal-benefiċċji mqabbla mal-ispejjeż ikkalkulata*** tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' bini, ***jkun pożittiv*** li huwa determinat billi jitqiesu ***tal-anqas il-valur nett attwali tal-ispejjeż tal-investiment u tal-operat*** (inklużi l-ispejjeż tal-enerġija), ***tal-manutenzjoni,*** qligħ mill-enerġija prodotta, ▌u spejjeż tar-rimi, fejn applikabbli;

(16) "sistema ta" arja kundizzjonata' tfisser tagħqida tal-komponenti meħtieġa biex tkun ipprovduta forma ta' trattament tal-arja ta' ġewwa, inkluża l-ventilazzjoni;

(17) "bojler" tfisser l-unità li tgħaqqad bojler u unità tal-ħruq iddisinjati sabiex jittrażmettu lil likwidu s-sħana li toħroġ ħruq;

(18) "qawwa nominali effettiva tfisser il-ħruġ massimu kalorifiku , espress f'kW speċifikat u ggarantit mill-fabbrikant li jista" jitwassal matul operazzjoni kontinwa filwaqt li jkunu konformi mal-effiċjenza utli indikata mill-fabbrikant;

(19) "pompa tas-sħana" tfisser ***magna,*** inġenju jew installazzjoni li ***tittrasferixxi s-sħana mill-madwar naturali bħalma huma l-arja***, l-ilma jew l-art ***lill-bini jew applikazzjonijiet industrijali billi treġġa' lura l-fluss naturali tas-sħana b'mod li tgħaddi minn temperatura aktar baxxa lejn waħda ogħla. L-ammont ta' enerġija mill-ambjent maqbuda mill-pompi tas-sħana li għandha titqies enerġija li tiġġedded għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandu jkun dak stabbilit mid-Direttiva 2009/28/KE;***

(20) "faqar enerġetiku" tfisser sitwazzjoni fejn familja jkollha tonfoq aktar minn 10 % tad-dħul tagħha fuq il-kontijiet tal-enerġija sabiex issaħħan id-dar sa standard aċċettabbli msejjes fuq il-livelli rakkomandati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa;

(21) "sistema ta' tidwil" tfisser il-kombinazzjoni ta' komponenti meħtieġa biex jingħata ċertu livell ta' dawl;

(22) "sistemi ta' tisħin jew ta' tberrid urbani" tfisser id-distribuzzjoni tal-enerġija termika fil-forma ta' fwar, misħun jew likwidi mkessħa, minn sors ċentrali ta' produzzjoni permezz ta' netwerk li diversi binjiet, għat-tisħin jew it-tberrid tal-ispazji jew tal-industriji, jew għat-tisħin tal-ilma.

(23) "diżinn tad-tidwil" tfisser skema jew stampa li tagħti fid-dettall il-konfigurazzjoni u t-tqassim ta' unitajiet tad-dwal inkluż it-tagħmir tal-kontroll relatat.

Artikolu 3

Adozzjoni ta' metodoloġija għall-kalkolu tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini

1. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-partijiet interessati rilevanti u b'mod partikulari lir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, għandha tistabbilixxi, sal-31 ta' Marzu 2010, metodoloġija għal kalkolu tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini skont il-qafas ġenerali speċifikat fl-Anness I ‖.

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22(2).

2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw din il-metodoloġija komuni.

3. ***3 Il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini għandha titfisser b'mod trasparenti u għandha tinkludi indikatur għad-domanda għall-enerġija primarja.***

Artikolu 4

Iffissar tar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li r-rekwiżiti tal- prestazzjoni minima ta' l-enerġija għall-bini ***u għal komponenti u sistemi tekniċi ta' bini u partijiet minnu,*** jiġu ffissati ***biex tal-anqas jinkisbu*** livelli ta' spiża ottimali u jkunu kkalkulati skont il-metodoloġija ***komuni*** msemmija fl-Artikolu 3.

Meta jiffissaw rekwiżiti, l-Istati Membri ***għandhom jikkonsultaw awtoritajiet pubbliċi u partijiet oħra interessati u*** jistgħu jiddifferenzjaw bejn kategoriji ta' bini ġdid u bini eżistenti u bejn kategoriji differenti ta' bini.

Dawn ir-rekwiżiti ***għandhom ikunu konformi ma' leġiżlazzjoni Komunitarja oħra li tapplika u*** għandhom iqisu l-kundizzjonijiet klimatiċi interni ***u tad-tidwil ta' ġewwa u ta' barra***, sabiex ikunu evitati effetti negattivi possibbli bħal ventilazzjoni mhux adegwata ***u dawl naturali mhux adegwat***, kif ukoll il-kundizzjonijiet lokali u l-funzjoni ffissata u l-età tal-bini.

Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu rreveduti f'intervalli regolari li ma għandhomx ikunu itwal minn ***erba'*** snin u, ▌ għandhom jiġu aġġornati sabiex jirriflettu progress tekniku fil-qasam tal-bini.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu m'għandhomx iżommu lill-Istati Membri milli jappoġġjaw il-kostruzzjoni ta' bini ġdid, rinnovazzjonijiet kbar, ir-rinnovament tas-sistemi ta' komponenti u sistemi tekniċi li jmorru lilhinn mir-rekwiżiti stabbiliti minn din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jiffissawx jew japplikaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 għal kategoriji tal-bini li ġejjin:

(a) bini u monumenti protetti uffiċjalment bħala parti minn ambjent ikklassifikat jew minħabba l-mertu speċjali arkitettoniku jew storiku tiegħu, ***sakemm*** il-konformità ***ma' rekwiżit minimu speċifiku*** tal-prestazzjoni tal-enerġija taltera b'mod inaċċettabli il-karattru jew l-apparenza tiegħu;

(b) bini użat bħala postijiet ta' qima u għal attivitajiet reliġjużi;

(c) bini temporanju għal perjodu pjanat ta' ***anqas minn 18-il xahar***, siti industrijali, postijiet tax-xogħol u bini agrikolu mhux residenzjali b'domanda baxxa ta' enerġija u bini agrikolu mhux residenzjali li huma ta' użu minn settur kopert minn ftehim settorjali dwar il-prestazzjoni tal-enerġija;

(d) bini waħdu b'erja totali ta' art utli ta' anqas minn 50 m^2.

3. Mit-30 ta' Ġunju ***2012*** l-Istati Membri ***għandhom*** jagħtu ***biss*** inċentivi għall-kostruzzjoni jew it-tibdil ***kbir*** ta' bini jew partijiet minnu ***, inklużi l-komponenti tal-bini, li r-riżultati tagħhom jikkonformaw tal-anqas*** mar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija li jilħqu r-riżultati tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 5(2).

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

4. ▌ *L-Istati* Membri ***għandhom*** jirrevedu r-rekwiżiti minimi tagħhom tal-prestazzjoni tal-enerġija stipulati skont il-paragrafu 1 ‖ ***u*** għandhom jiżguraw illi dawn ir-rekwiżiti *jiksbu* ***tal-anqas*** *ir-riżultati* tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 5(2) ***sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2015***.

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu sussidji u pariri tekniċi għal bini jew ċentri storiċi biex dawn jidħlu għal programmi speċifiċi ta' adattament għall-effiċjenza tal-enerġija.

6. Is-sistemi għall-produzzjoni ta' enerġija u l-miżuri ta' iżolament f'ċentri storiċi għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjonijiet ta' impatt viżiv.

Artikolu 5

Il-kalkolu tal-livelli tal-ispiża ottimali tar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija

1. Il-Kummissjoni***, wara li tikkonsulta lill-partijiet interessati rilevanti u b'mod partikulari lir-rappreżentanti minn awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u abbażi tal-prinċipji stipulati fl-Anness IV,*** għandha tistabbilixxi ***sal-31 ta' Marzu 2010*** metodoloġija ***komuni*** għall-kalkolu tal-livelli ta' spiża ottimali għar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija għall-bini jew partijiet minnu. ***Din il-metodoloġija komuni tista' tirreferi għal standards Ewropej rilevanti u*** għandha ***:***

— tiddifferenzja bejn bini ġdid u eżistenti u bejn kategoriji differenti ta' bini,

— ***tirrifletti l-kundizzjonijiet klimatiċi differenti fl-Istati Membri differenti u l-bidla probabbli f'dawn il-kundizzjonijiet matul ħajjet il-bini konċernat, u***

— ***tistabbilixxi suppożizzjonijiet jew metodi ta' kalkolu komuni għall-ispejjeż tal-enerġija***.

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi u, jekk ikun meħtieġ, taġġorna l-metodoloġija komuni kull ħames snin.

Dawn il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** msemmija ***fl-Artikolu 22(2)***.

2. L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-livelli ta' spiża effettiva tar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija billi jużaw il-metodoloġija ***komuni*** stabbilita skont il-paragrafu 1 u parametri rilevanti, bħall-kundizzjonijiet klimatiċi ▌.

L-Istati Membri g ħandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-dejta mdaħħla u *s-suppożizzjonijiet* kollha użati għal dawk il-kalkoli u r-riżultati kollha *ta' dawk il* -kalkoli. Ir-rapport ***għandu*** jiġi inkluż fil-Pjani ta' Azzjoni għall-Effiċjenza tal-Enerġija *msemmi* fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE. L-Istati Membri għandhom iressqu dawn ir-rapporti lill-Kummissjoni kull tliet snin. L-ewwel rapport għandu jitressaq sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar il-progress tal-Istati *Membri* ***fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu***.

Artikolu 6

Bini ġdid

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji sabiex jiżguraw li bini ġdid jilħaq il-prestazzjoni minima tal- *stipulati* skont l-Artikolu 4 ***u f'konformita' mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 9***.

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

Għal bini ġdid l-Istati Membri għandhom ***jippromwovu l-użu ta'*** sistemi alternattivi ***ta' effiċjenza għolja***. ***Dawn is-sistemi alternattivi jistgħu jinkludu iżda mhumiex limitati għal*** :

(a) sistemi ta' provvista deċentralizzata tal-enerġija bbażata fuq enerġija ***minn sorsi rinnovabbli***;

(b) koġenerazzjoni;

(c) tiswin jew tberrid ta' distrett jew ta' blokk , jekk ikun disponibbli ***b'mod partikolari dak ibbażat kompletament jew parzjalment fuq enerġija rinnovabbli***;

(d) pompi tas-sħana;

(e) tagħmir tal-ICT għal skopijiet ta' monitoraġġ u kontroll.

Artikolu 7

Bini eżistenti

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li meta xi bini jgħaddi minn tibdil kbir ***jew il-komponenti tal-bini u s-sistemi tekniċi tal-bini jew partijiet minnhom jiġu aġġornati jew sostitwiti***, il-prestazzjoni tal-enerġija tkun aġġornata sabiex tilħaq ***tal-anqas*** ir-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija sa fejn dan hu teknikament , funzjonalment u ekonomikament vijabbli. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw dawn il- prestazzjonijiet minimi tal–enerġija skont l-Artikolu 4 ***u r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9***. Ir-rekwiżiti ***għandhom ikunu*** ffissati ***kemm għas-sistemi rinnovati kif ukoll għall-komponenti tal-bini kull meta jiġu aġġornati jew sostitwiti, u għall-bini rinnovat kollu f'każ ta' rinnovament kbir***.

L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu, fir-rigward ta' bini li qed isirlu rinnovazzjoni kbira, is-sistemi alternattivi b'effiċjenza għolja li ġejjin u li qed jitqiesu:

(a) sistemi ta' provvista deċentralizzata tal-enerġija bbażata fuq enerġija minn sorsi li jiġġeddu;

(b) koġenerazzjoni;

(c) sistemi ta' tiswin jew ta' tberrid urbani jew ta' blokk, jekk ikunu disponibbli, b'mod partikolari dak ibbażat kompletament jew parzjalment fuq enerġija rinnovabbli;

(d) pompi tas-sħana;

(e) tagħmir tal-ICT għal skopijiet ta' monitoraġġ u kontroll.

Artikolu 8

Sistemi tekniċi tal-bini ***u komponenti tal-bini***

1. L-Istati Membri għandhom jiffissaw rekwiżiti minimi għall-prestazzjoni tal-enerġija fir-rigward ***tal-komponenti tal-bini u*** tas-sistemi tekniċi tal-bini li huma installati ***u li jitħaddmu*** fil-binjiet ***u li mhumiex koperti mid-Direttiva 2009/…KE [li tistabbilixxi qafas għall-ħolqien ta' rekwiżiti ta' ekodiżinn għall-prodotti marbuta mal-enerġija] u mill-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha***. *Għandhom ikunu stabbiliti rekwiżiti* għal ***tagħmir operattiv,*** sistemi tekniċi tal-bini ***u komponenti tal-bini*** u partijiet minnu ***u għandhom ikunu applikati sakemm ikunu teknikament u funzjonalment fattibbli***.

Dawn ir-rekwiżiti għandhom, partikolarment, ikopru l-komponenti li ġejjin:

(a) bojlers **,** ġeneraturi oħra tas-sħana ***jew sistemi ta' skambju ta' sħana*** ta' sistemi ta' tisħin***, inklużi sistemi ta' tisħin jew ta' tberrid urbani jew ta' blokk***;

(b) saħħana tal-ilma f'sistemi tal-misħun;

(c) unita' ċentrali tal-ikkundizzjonar tal-arja jew ġeneratur tal-kesħa f'sistemi tal-ikkundizzjonar tal-arja;

(d) tidwil installat;

(e) komponenti tal-bini.

2. Ir-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija stipulati skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu konsistenti ***ma' kull leġiżlazzjoni*** applikabbli lill-prodott(i) li jaħmlu s-sistema ***u l-komponenti tal-bini***, u għandhom ikunu bbażati fuq stallazzjoni proprja tal-prodott(i) u r-regolazzjoni u l-kontroll xieraq tas-sistema teknika tal-bini. ***Fil-każ ta' sistemi tekniċi ta' bini***, dawk ir-rekwiżiti għandhom jiżguraw ***li jkunu aġġustati kif xieraq meta jitħaddmu,*** li jintlaħaq bilanċ idrawliku xieraq ta' sistemi idrawliċi ta' tisħin bl-ilma, u li d-daqs u t-tip xierqa tal-prodott(i) intużaw għall-istallazzjoni fir-rigward tal-użu maħsub tas-sistema teknika tal-bini.

3. B'mod konformi mal-Anness I tad-Direttiva 2009/…KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' …[rigward ir-regoli komuni għas-suq intern fl-elettriku] ([1]). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-bini ġdid kollu u fil-bini li qed issirlu rinnovazzjoni kbira jiġu installati miters intelliġenti kif ukoll kull meta jinbidel miter, u għandhom jinkoraġġixxu l-installazzjoni ta' sistemi ta' kontroll attiv bħall-awtomazzjoni, u sistemi ta' monitoraġġ u ta' kontroll, meta jkun xieraq.

Artikolu 9

Bini li li ma jikkonsmax enerġija u ma jipproduċix emissjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom ifasslu pjani nazzjonali biex jiżdied l-għadd ta' binjiet ***li ma jikkonsmawx enerġija u ma jipproduċux emissjonijiet.***

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bini ġdid kollu jkun bini li ma jikkonsmax enerġija u ma jipproduċix emissjonijiet sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018.

L-Istati Membri jiffisaw miri għall-perċentwali minimu ***ta' bini li, sal-2015 u l-2020 rispettivament, għandu jkun bini li ma jikkonsmax enerġija u ma jipproduċix emissjonijiet***, tal-għadd totali ta' binjiet, u ***bħala perċentwali*** f'relazzjoni mal-erja totali utli tal-art.

Għandhom jiġu stabbiliti miri separati għal:

(a) bini residenzjali ġdid u rranġat;

(b) bini mhux residenzjali ġdid u rranġat;

(c) bini okkupat minn awtoritajiet pubbliċi.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miri ***separati kemm għall-bini ġdid u dak eżistenti*** kif imsemmija fil-punt (c) ***li japplikaw tal-anqas tliet snin qabel il-miri rispettivi stipulati f'dan l-Artikolu,*** filwaqt li jqisu r-rwol ewlieni li għandu jkollhom l-awtoritajiet pubbliċi fil-qasam tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini.

([1]) ***ĠU L …***

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

2. Il-pjan nazzjonali msemmi fil-paragrafu 1 għandu ***jitfassal wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u għandu*** jinkludi fost l-oħrajn l-elementi li ġejjin:

▌

(a) miri intermedji espressi bħala perċentwal ‖ *tal* -għadd totali ta' binijiet u ‖ f'relazzjoni mal-erja totali utli tal-art *għal* l-2015 ***u l-2020 rispettivament***;

(b) dettalji tar-rekwiżiti nazzjonali rigward il-livelli minimi tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu f'bini ġdid u f'bini eżistenti li qed isirlu rinnovament kbir, kif rikjest skont id-Direttiva 2009/28/KE u l-Artikoli 6 u 7 ta' din id-Direttiva;

(c) ***sommarju tal-politiki kollha u*** informazzjoni dwar il-miżuri implimentati għall-promozzjoni ta' dawn il-binijiet;

(d) programmi nazzjonali, reġjonali jew lokali biex jappoġġjaw il-miżuri għall-promozzjoni ta' dan il-bini bħall-inċentivi fiskali, l-istrumenti finanzjarji jew it-tnaqqis tal-VAT.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-pjani nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011 u jirrappurtaw lill-Kummissjoni kull tliet snin dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali tagħhom. Il-pjani nazzjonali u r-rapporti dwar il-progress ***għandhom*** jiġu inklużi fil-Pjani ta' Azzjoni għall-Effiċjenza ta' Enerġija msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE.

4. Fi żmien xahrejn mill-komunikazzjoni ta' pjan nazzjonali minn Stat Membru msemmi fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni, filwaqt li tqis bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà, tista' tirrifjuta dak il-pjan, jew kull aspett minnu, fuq il-bażi li ma jirrispettax ir-rekwiżiti kollha ta' dan l-Artikolu. F'dan il-każ, l-Istat Membru konċernat għandu jipproponi emendi. Fi żmien xahar minn meta tirċievi dawk il-proposti, il-Kummissjoni għandha taċċetta l-pjan emendat jew titlob aktar emendi speċifiċi. Il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat għandhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jintlaħaq ftehim dwar il-pjan nazzjonali fi żmien ħames xhur mid-data tal-komunikazzjoni inizjali.

5. *Il-Kummissjoni,* ***b'konformità mad-definizzjoni stipulata fl-Artikolu 2,*** *għandha* ***tistabbilixxi definizzjoni dettaljata*** *komuni* ***ta' bini li ma jikkonsmax enerġija u ma jipproduċix emissjonijiet sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010***.

Dawn il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura *regolatorja bi skrutinju* msemmija fl-Artikolu *22* (2).

6. Il-Kummissjoni***, sat-30 ta' Ġunju 2012 u kull tliet snin wara dik id-data*** għandha tippubblika rapport dwar il-progress tal-Istati Membri fiż-żieda fl-għadd ta' binjiet ***li ma jikkonsmawx enerġija u ma jipproduċux emissjonijiet*** . Abbażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha mbagħad tiżviluppa ***pjan ta' azzjoni*** u, jekk meħtieġ, tipproponi miżuri biex iżżid l-għadd ta' dawk il-binjiet.

Artikolu 10

Inċentivi Finanzjarji u Ostakli għas-Suq

1. L-Istati Membri, sat-30 ta' Ġunju 2011, għandhom ifasslu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, inklużi miżuri proposti, sabiex ikunu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva permezz tat-tnaqqis tal-ostakli legali u għas-suq u billi jkunu żviluppati strumenti finanzjarji u fiskali ġodda u eżistenti sabiex tiżdied l-effiċjenza enerġetika ta' bini ġdid u eżistenti.

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

Dawn il-miżuri proposti għandhom ikunu suffiċjenti, effettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji, għandhom jappoġġjaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-enerġija, għandhom jippruvaw jinkoraġġixxu titjib sostanzjali fil-prestazzjoni tal-enerġija talbini meta dan it-titjib kieku ma jkunx ekonomikament fattibbli u għandhom jinkludu miżuri li jappoġġjaw lil dawk il-familji f'riskju ta' faqar enerġetiku.

L-Istati Membri għandhom iqabblu l-istrumenti finanzjarji u fiskali tagħhom mal-istrumenti elenkati fl-Anness V u, bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali, għandhom jimplimentaw tal-anqas żewġ miżuri minn dak l-Anness.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dawn il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali lill-Kummissjoni billi jinkluduhom fil-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza Enerġetika msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE u għandhom jaġġornawhom kull tliet snin.

3. Il-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010, u skont evalwazzjoni tal-impatt, għandha tippreżenta proposti leġiżlattivi xierqa għat-tisħiħ tal-istrumenti finanzjarji Komunitarji u sabiex jintroduċu strumenti ġodda biex tkun appoġġjata l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Dawn il-proposti għandhom iqisu l-miżuri li ġejjin:

(a) fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali [1] ***għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, żieda sinifikanti tal-ammont massimu tal-allokazzjoni tal-ERDF li tista' tintuża biex tiġi appoġġjata l-effiċjenza tal-enerġija inklużi t-tisħin u t-tkessiħ distrettwali u l-investimenti f'enerġija minn sorsi li jiġġeddu fid-djar u estensjoni tal-eleġibilità ta' dawn il-proġetti;***

(b) l-użu ta' fondi oħra tal-Komunità biex jiġu appoġġjati r-riċerka u l-iżvilupp, il-kampanji tal-informazzjoni jew it-taħriġ relatati mal-effiċjenza tal-enerġija;

(c) it-twaqqif ta' Fond għall-Effiċjenza Enerġetika, ibbażat fuq kontribuzzjonijiet mill-baġit Komunitarju, mill-Bank Ewropew tal-Investiment u mill-Istati Membri, bħala spinta sabiex jiżdiedu l-investimenti privati u pubbliċi għal proġetti li jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bini, inkluża l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu fil-bini jew fil-komponenti tal-bini sal-2020. Dak il-Fond għandu jkun integrat fil-programmazzjoni ta' għajnuna strutturali Komunitarja oħra. Il-kriterji għall-allokazzjoni tiegħu għandhom ikunu definiti b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni [2] ***u għandu jiġi implimentat sa mhux aktar tard mill-2014;***

(d) it-tnaqqis tal-VAT għal servizzi u prodotti, inkluża l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu fil-bini jew fil-komponenti tal-bini, marbuta mal-effiċjenza enerġetika.

Artikolu 11

Ċertifikat i dwar il-prestazzjoni tal-enerġija

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw il-miżuri meħtieġa biex tiġi stabbilita sistema ta' ċertifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini. Iċ-ċertifikazzjoni ta' prestazzjoni tal-enerġija għandu jinkludi l-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini u valuri ta' referenza bħal rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija sabiex ikun possibbli għas-sidien u l-okkupanti tal-bini jew ta' partijiet minnu ▌jagħmlu stima tal-prestazzjoni tal-enerġija tiegħu ***u jqabbluha faċilment ma' bini ieħor residenzjali jew mhux residenzjali. Għal bini mhux residenzjali, jekk ikun xieraq, jista' jinkludi wkoll l-enerġija annwali li fil-fatt tiġi kkonsmata, kif imsemmi fl-Anness I.***

---

[1] ***ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1.***
[2] ***ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.***

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

Meta bini jinbiegħ jew jinkera qabel il-kostruzzjoni tiegħu, il-bejjiegħ għandu jipprovdi evalwazzjoni preċiża bil-miktub dwar il-prestazzjoni enerġetika tiegħu.

2. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet għal titjib ***ottimali fir-rigward tal-ispejjeż*** tal-prestazzjoni tal-enerġija ta' bini jew partijiet tiegħu.

Ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija għandhom ikopru:

(a) miżuri mwettqa b'rabta ma' tibdil/tiġdid maġġuri tal-involukru tal-bini ***inklużi s-sistemi ta' iżolament tiegħu,*** jew is-sistema/i teknika/ċi tal-bini; kif ukoll

(b) miżuri għal partijiet inidvidwali jew elementi ta' bini indipendenti minn tibdil/tiġdid maġġuri tal-involukru tal-bini***, inklużi s-sistemi ta' iżolament tiegħu,*** jew is-sistema/i teknika/ċi tal-bini.

3. Ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija għandhom ikunu teknikament fattibbli għall-bini speċifiku u għandhom jipprovdu informazzjoni trasparenti ***u jinkludu bħala minimu indikazzjoni ċara tal-potenzjal kkalkulat għall-iffrankar tal-enerġija tal-miżura, il-valur nett attwali u l-ispejjeż tal-investiment għall-bini jew għat-tip ta' bini speċifiċi.*** L-evalwazzjoni tal-effettività ***tan-nefqa*** għandha tkun ibbażata fuq sett ta' kundizzjonijiet standard, ***li tal-anqas għandhom jinkludu l-evalwazzjoni*** tal-iffrankar tal-enerġija u l-prezzijiet sottostanti tal-enerġija ***l-inċentivi finanzjarji jew fiskali*** u r-rati tal-imgħax għall-investimenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi u istituzzjonijiet oħra li jipprovdu finanzjament għax-xiri jew ir-rinnovament ta' bini jqisu l-prestazzjoni tal-enerġija indikata u r-rakkomandazzjonijiet miċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija meta jistabbilixxu l-livell u l-kundizzjonijiet tal-inċentivi finanzjarji, tal-miżuri fiskali u tas-self.

5. Iċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija għandu jipprovdi indikazzjoni dwar fejn is-sid jew *l-inkwilin* jista' jirċievi aktar tagħrif dettaljat fir-rigward tar-rakkomandazzjoni mogħtija fiċ-ċertifikat Barra minn hekk, għandu jkun fih tagħrif dwar il-passi li għandhom jittieħdu għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet***, inkluża informazzjoni dwar inċentivi finanzjarji u fiskali disponibbli u possibilitajiet ta' finanzjament***.

6. L-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li jqisu l-irwol ewlieni li għandu jkollhom fil-qasam tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, għandhom jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija maħruġ għal bini li jużaw huma stess fil-perjodu li matulu jkun validu.

7. Iċ-ċertifikazzjoni għall-appartamenti jew unitajiet iddisinjati għal użu separat fi blokki ta' bini tista' tkun ibbażata fuq:

(a) ċertifikazzjoni komuni tal-bini kollu għall-blokki b'sistema ta' tisħin komuni, jew

(b) l-istima ***tal-prestazzjoni tal-enerġija ta' dak l-appartament jew unità***.

8. Iċ-ċertifikazzjoni għad-djar ta' familja waħda tista' tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni ta' bini rappresentattiv ieħor ta' disinn u daqs simili bi kwalità ta' prestazzjoni tal-enerġija simili jekk din il-korrispondenza tkun tista' tiġi ggarantita mill-espert li jkun qed joħroġ iċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija.

9. Il-validità taċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija m'għandhiex taqbeż l-għaxar snin.

10. Il-Kummissjoni għandha tadotta, sat-30 ta' Ġunju 2010, linji gwida li jispeċifikaw l-istandards minimi tal-kontenut, il-lingwa u l-preżentazzjoni taċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija.

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplementawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22(2).

11. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi ċ-ċertifikati maħruġa fi Stat Membru ieħor skont dawn il-linji gwida u m'għandux jirrestrinġi l-libertà li jingħataw servizzi finanzjarji għal raġunijiet relatati maċ-ċertifikat maħruġ f'dak l-Istat Membru.

12. Sal-2011, fuq il-bażi tat-tagħrif mibgħut mill-Istati Membri u f'kondultazzjoni mas-setturi relevanti, il-Kummissjoni għandha tadotta sistema ta' ċertifikazzjoni volontarja u komuni tal-Unjoni Ewropea għall-prestazzjoni tal-enerġija ta' bini mhux residenzjali.

Dik il-miżura, imfassla biex temenda elementi ġodda mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tissupplimentaha għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22 (2).

Sal-2012, l-Istati Membri għandhom jintroduċu s-sistema ta' ċertifkazzjoni volontarja tal-Unjoni Ewropea msemmija fl-ewwel subparagrafu li għandha tiffunzjona flimkien mal-iskema ta' ċertifikazzjoni nazzjonali.

Artikolu 12

Il-ħruġ taċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija jinħareġ għall-bini jew partijiet tiegħu li huma mibnija, mibjugħa jew mikrija u għal bini ***li l-pubbliku jżur ta' spiss*** b'erja totali utilizzabbli tal-art ta' aktar minn 250 m ^{2} ***u għal bini*** okkupat minn awtorità pubblika.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, meta l-bini jew partijiet minnu jinbnew ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija jingħata lis-sid *mill-bejjiegħ jew* mill-espert indipendenti li jkun qed joħroġ iċ-ċertifikat u li hu msemmi fl-Artikolu *17* ‖.

3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, meta bini jew partijiet minnu jiġu offruti għall-kera, l-indikatur numeriku tal-prestazzjoni tal-enerġija taċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija jitniżżell f'kull riklam għall-lix-xerrej prospettiv.

Iċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija għandu jingħata mill-bejjiegħ lix-xerrej sa mhux aktar tard mill-waqt tal-konklużjoni tal-kuntratt tal-bejgħ *għal bejgħ ta' bini jew partijiet minnu*.

4. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, meta bini jew partijiet minnu jiġu offruti għall-kera, l-indikatur numeriku tal-prestazjoni tal-enerġija taċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija jitniżżell f'kull riklam għall-kera tal-bini jew ta' partijiet minnu, u li ċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija jintwera lill-okkupant prospettiv.

Iċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija għandu jingħata mill-bejjiegħ lix-xerrej sa mhux aktar tard mill-waqt tal-konklużjoni tal-kuntratt tal-kera.

5. Is-sid tal-bini jista' f'kull ħin jitlob espert akkreditat biex jipproduċi, jikkalkulaw mill-ġdid u jaġġorna ċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija, irrispettivament minn jekk il-bini hux qed jinbena, qed jiġi rranġat, qed jinkera jew huwiex għall-bejgħ.

6. L-Istati Membri jistgħu jeskludu l-kategoriji ta' bini msemmija fl-Artikolu 4(2) mill-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2, 3, u 4 *ta' dan l-Artikolu*.

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

Artikolu 13

Il-wiri taċ-ċertifikati dwar il-prestazzjoni tal-enerġija

1. ▌L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li meta ▌ta' bini jkunu okkupati minn awtoritajiet pubbliċi ***jew meta bini b'erja totali utli tal-art ta' aktar minn 250m 2 jintuża ta' spiss mill-pubbliku,*** jitpoġġa f'post prominenti ċarament viżibbli għal pubbliku ċ- ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija.

▌

Artikolu 14

Spezzjoni tas-sistemi ta' tisħin

1. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-miżuri neċessarji sabiex tkun stabbilita spezzjoni regolari ta' sistemi ta' tisħin ***b'bojlers li jaħdmu bi fjuwil likwidu jew solidu li ma jiġġeddidx*** ta' qawwa nominali effettiva ta' aktar minn 20 kW. L-ispezzjoni għandha tinkludi stima tal-effiċjenza tal-bojler u d-daqs tal-bojler imqabbel mar-rekwiżiti tat-tisħin tal-bini. ***L-Istati Membri jistgħu jissospendu dawn l-ispezzjonijiet meta tkun fis-seħħ sistema elettronika ta' monitoraġġ u ta' kontroll.***

2. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw *rati* tal-ispezzjoni differenti skont it-tip u l-qawwa effettiva nominali ▌tas-sistema tat-tisħin. Meta jkunu qed jistipulaw *dawk ir-rati,* l-Istati Membri għandhom iqisu l-ispejjeż tal-ispezzjoni tas-sistema tal-arja *kkundizzjonata* u l-iffrankar stmat fl-ispejjeż għall-enerġija li jista' jirriżulta mill-ispezzjoni.

3. Sistemi ta' tisħin b'bojlers ta' ħruġ effettiv ta' aktar minn 100 kW għandhom ikunu spezzjonati minn tal-anqas kull sentejn.

Għal bojlers tal-gass, dan il-perjodu jista' jkun estiż sa erba' snin.

4. B'deroga mill-paragrafi 1, 2 u 3, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jieħdu miżuri sabiex jiżguraw l-għoti ta' pariri lill-utenti dwar il-bdil ta' bojlers, modifikazzjonijiet oħra lis-sistema tat-tisħin u dwar soluzzjonijiet alternattivi għall-valutazzjoni tal-effiċjenza u d-daqs xieraq tal-bojler. L-impatt globali ta' dan l-approċċ għandu jkun ekwivalenti għal dak li jiġi minn dispożizzjonijiet speċifikati *f'paragrafi 1,* 2 u 3.

Meta l-Istati Membri jagħżlu li japplikaw il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu ‖ għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport dwar l-ekwivalenza ta' dawn il-miżuri ma' miżuri stipulati fil-paragrafi 1, 2 u 3 sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni kull tliet snin. Ir-rapporti jistgħu jiġu inklużi fil-Pjani ta' Azzjoni għall-Effiċjenza tal-Enerġija msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE.

Meta l-Kummissjoni tikkunsidra li r-rapport mill-Istat Membru msemmi fit-tieni subparagrafu ma jurix l-ekwivalenza ta' miżura msemmija fl-ewwel subparagrafu, tista', fi żmien 6 xhur minn meta tirċievi r-rapport, titlob lill-Istat Membru jew jipproduċi aktar evidenza jew jimplimenta miżuri addizzjonali speċifiċi. Jekk, fi żmien sena minn meta ssir din it-talba, il-Kummissjoni ma tkunx sodisfatta bl-evidenza mogħtija jew bil-miżuri addizzjonali implimentati, tista' tirtira d-deroga.

Artikolu 15

Spezzjoni ta' sistemi tal-arja kundizzjonata

1. L-Istati Membri għandhom joħolqu s-sistemi neċessarji sabiex ikun hemm spezzjoni regolari tas-sistemi tal-arja kondizzjonata ***u ta' ventilazzjoni, u pompi tas-sħana riversibbli bi*** ħruġ effettiv ta' aktar minn ***5 kW***. L-ispezzjoni għandha tinkludi stima tal-effiċjenza tal-arja kondizzjonata u tad-daqs komparati mar-rekwiżiti għat-tberrid tal-bini. ***L-ispezzjoni tas-sistemi ta' ventilazzjoni għandha tinkludi wkoll evalwazzjoni tal-flussi tal-arja.***

L-Istati Membri jistgħu jissospendu dawn l-ispezzjonijiet meta jkun hemm sistema elettronika ta' monitoraġġ u kontroll li tippermetti l-monitoraġġ mill-bogħod tal-effiċjenza u s-sikurezza tas-sistemi.

2. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw *rati* differenti għall-ispezzjonijiet skont it-tip u l-qawwa nominali effettiva tas-sistema tal-ikkundizzjonar tal-arja***, tas-sistema ta' ventilazzjoni jew tal-pompi tas-sħana reversibbli***. Meta jkunu qed jistipulaw *dawk ir-rati,* l-Istati Membri għandhom iqisu l-ispejjeż tal-ispezzjoni ▌u l-iffrankar stmat fl-ispejjeż għall-enerġija li jista' jirriżulta mill-ispezzjoni.

3. Meta jkunu qed jistipulaw il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom, sa kemm ikun fattibbli ekonomikament u teknikament, jiżguraw li l-ispezzjonijiet isiru bi qbil mal-ispezzjoni ta' sistemi ta' tisħin u ta' sistemi tekniċi oħra msemmija fl-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva u l-ispezzjoni ta' telf kif stipulati fir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar gassijiet serra flworinati [1] .

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jieħdu miżuri sabiex jiżguraw l-għoti ta' pariri lill-utenti dwar il-bdil tas-sistemi tal-arja kondizzjonata jew dwar modifikazzjonijiet oħra lis-sistema tal-arja kondizzjonata li jistgħu jinkludu spezzjonijiet biex jistmaw l-effiċjenza u d-daqs xieraq tas-sistema tal-arja kondizzjonata. L-impatt globali ta' dan l-approċċ għandu jkun ekwivalenti għal dak li jiġi minn dispożizzjonijiet speċifikati fil-paragrafi 1 u 2.

Meta l-Istati Membri japplikaw il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu, għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport dwar l-ekwivalenza ta' dawk il-miżuri ma' miżuri stipulati fil-paragrafi 1 u 2 sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni kull tliet snin. Ir-rapport jista' jiġi inkluż fil-Pjani ta' Azzjoni għall-Effiċjenza tal-Enerġija msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE.

Meta l-Kummissjoni tikkunsidra li r-rapport mill-Istat Membru msemmi fit-tieni subparagrafu ma jurix l-ekwivalenza ta' miżura msemmija fl-ewwel subparagrafu, tista', fi żmien 6 xhur minn meta tirċievi r-rapport, titlob lill-Istat Membru jew jipproduċi aktar evidenza jew jimplimenta miżuri addizzjonali speċifiċi. Jekk, fi żmien sena minn meta ssir din it-talba, il-Kummissjoni ma tkunx sodisfatta bl-evidenza mogħtija jew bil-miżuri addizzjonali implimentati, tista' tirtira d-deroga.

Artikolu 16

Rapporti dwar l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tal-ikkundizzjonar tal-arja

1. Dan l-Artikolu japplika għar-rapporti dwar l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tal-ikkundizzjonar tal-arja.

2. Ir-rapport tal-ispezzjoni għandu jinħareġ f'intervalli regolari għal kull sistema spezzjonata. Ir-rapport ta' spezzjoni għandu jinkludi dan li ġej:

(a) tqabbil tal-prestazzjoni tal-enerġija tas-sistema spezzjonata ma' dik ta'

(i) l-aħjar sistema fattibbli disponibbli; u

(ii) sistema ta' tip simili li għaliha l-komponenti rilevanti kollha jilħqu l-livell tal-prestazzjoni tal-enerġija meħtieġ mil-leġiżlazzjoni applikabbli;

(b) rakkomandazzjonijiet għat-titjib bi spiża effettiva tal-prestazzjoni tal-enerġija tas-sistema tal-bini jew ta' partijiet minnu.

[1] ***ĠU L 161, 14.6.2006, p. 1.***

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

Ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) għandhom ikunu speċifiċi għas-sistema u għandhom jipprovdu informazzjoni trasparenti fir-rigward tal-effettività fl-ispiża tagħhom. L-evalwazzjoni tal-effettività tal-ispiża għandha tkun ibbażata fuq sett ta' kundizzjonijiet standard, bħal fuq il-valutazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija u l-prezzijiet sottostanti tal-enerġija u r-rati tal-imgħax għall-investimenti.

3. Ir-rapport tal-ispezzjoni għandu jingħata mill-ispettur lis-sid jew lill-okkupant tal-bini.

Artikolu 17

Esperti indipendenti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tas-sistemi tal-arja kondizzjonata jitwettqu b'mod indipendenti minn esperti kkwalifikati u akkreditati, kemm jekk jaħdmu għal rashom kif ukoll jekk impjegati minn entitajiet pubbliċi jew impriżi privati.

L-esperti għandhom jiġu akkreditati billi jitqiesu l-kompetenza u l-indipendenza tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki u l-akkreditazzjoni nazzjonali.

3. Sal-2011 il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida inklużi rakkomandazzjonijiet għall-istandards minimi għat-taħriġ regolari tal-esperti.

Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22(2).

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku informazzjoni dwar it-taħriġ u l-akkreditazzjoni. L-Istati Membri għandhom ukoll joħolqu u jagħmlu disponibbli reġistru ta' esperti kwalifikati u akkreditati.

Artikolu 18

Sistemi ta' kontroll indipendenti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li sistema ta' kontroll indipendenti għaċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u għar-rapporti dwar l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tal-ikkundizzjonar tal-arja huwa stabbilit skont l-Anness II. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' infurzar diviżi għall-organizzazzjonijiet li għandhom ir-responsabilità għall-infurzar taċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u jirrappurtaw dwar l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tal-ikkundizzjonar tal-arja.***

2. L-Istati Membri jistgħu jiddelegaw ir-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontroll indipendenti, *sakemm jiżguraw* li s-sistemi ta' kontroll indipendenti huma implimentati f'konformità mal-Anness II.

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li ċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u r-rapporti tal-ispezzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ikunu reġistrati jew magħmula disponibbli, fuq talba, lill-awtoritajiet jew l-entitajiet kompetenti li ġew delegati lilhom ir-responsabbiltajiet għas-sistemi ta' kontroll indipendenti mill-awtoritajiet.

Artikolu 19

Reviżjoni

Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu *22*, għandha tevalwa din id-Direttiva ***u tqis reviżjoni sal-2015,*** fid-dawl ta' esperjenza miksuba ***u tal-progress li sar*** matul l-applikazzjoni tagħha, u, jekk ikun hemm il-bżonn, tagħmel proposti fir-rigward ta' , fost l-oħrajn:

(a) metodoloġiji biex tiġi kklassifikata l-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini fuq il-bażi tal-użu tal-enerġija primarja u l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju;

(b) inċentivi ġenerali għal aktar miżuri ta' effiċjenza ta' enerġija fil-bini;

(c) il-ħolqien ta' rekwiżit fil-Komunità kollha sabiex il-bini eżistenti jkun bini li ma jikkonsmax enerġija u ma jipproduċix emissjonijiet.

Artikolu 20

Informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jinfurmaw lis-sidien ***u*** l-okkupanti tal-binjiet jew partijiet minnhomdwar il-metodi differenti u l-prattiċi li jservu sabiex tkun imtejba l-prestazzjoni tal-enerġija.

2. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jipprovdu informazzjoni lis-sidien u *lill-inkwilini* tal-bini dwar iċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u r-rapporti tal-ispezzjoni, *l-iskop* u l-għanijiet tagħhom, modi ta' spiża effettivi għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, u dwar konsegwenzi għaż-żmien mezzan u ż-żmien fit-tul jekk ma tittieħed ebda azzjoni ***u dwar l-istrumenti finanzjarji disponibbli*** biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini. ***Il-kampanji ta' informazzjoni għandu jkollhom l-għan li jinkoraġġixxu lis-sidien u lill-inkwilini biex jissodisfaw tal-anqas ir-rekwiżiti minimi stipulati fl-Artikoli 4 u 9.***

Fuq talba ta' l-Istati Membri, il-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri biex iwettqu kampanji informattivi għall-għanijiet tal- *paragrafu 1 u tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu,* li jistgħu jkunu trattati f'programmi tal-Komunità.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti fl-iżvilupp ta' programmi li jipprovdu informazzjoni u taħriġ kif ukoll li jżidu l-għarfien.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll, bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li gwida u taħriġ adattati jkunu disponibbli għal dawk responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva permezz tal-ippjanar u l-infurzar tal-istandards tal-bini. B'mod partikolari din il-gwida u dan it-taħriġ għandhom isaħħu l-importanza tat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija u għandhom jippermettu l-konsiderazzjoni tal-kombinazzjoni ottimali tat-titjib fl-effiċjenza tal-enerġija, l-użu tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu u l-użu ta' sistemi ta' tisħin u ta' tberrid urbani fl-ippjanar, it-tfassil, il-bini u t-tibdil u t-tiġdid ta' żoni industrijali jew residenzjali.

5. Is-sidien u l-inkwilini tal-bini kummerċjali għandhom ikunu obbligati jaqsmu l-informazzjoni dwar il-konsum enerġetiku proprju.

6. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-informazzjoni lill-Kummissjoni dwar:

(a) l-iskemi ta'appoġġ f'livelli nazzjonali, reġjonali u lokali għall-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u l-użu tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu fil-bini;

(b) il-parti mill-enerġija li ġejja minn sorsi li jiġġeddu użata fis-settur tal-bini f'livell nazzjonali u reġjonali, inkluża informazzjoni speċifika dwar jekk l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu hix ġejja minn tagħmir li jkun fis-sit, sistemi ta' tisħin u ta' tberrid urbani jew koġenerazzjoni.

Ir-rapport jista' jiġi inkluż fil-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Effiċjenza tal-Enerġija msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE.

7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iħarrġu aktar installaturi u biex jiżguraw taħriġ f'livell ogħla ta' kompetenza għall-installazzjoni u l-integrazzjoni tat-teknoloġija rinnovabbli u enerġetikament effiċjenti meħtieġa, sabiex jippermettulhom iwettqu l-irwol ewlieni li għandhom fl-appoġġ tat-titjib tal-effiċjenza tal-enerġija tal-bini.

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

8. Sa l-2010, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi websajt, li għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-aħħar verżjoni ta' kull Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza tal-Enerġija msemmi fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE;

(b) dettalji tal-miżuri attwalment fis-seħħ fil-livell tal-Komunità għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, fosthom kull strument finanzjarju/fiskali applikabbli, l-applikazzjoni xierqa jew id-dettalji tal-kuntatt;

(c) dettalji tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u tal-miżuri nazzjonali, reġjonali u lokali attwalment fis-seħħ f'kull Stat Membru għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, inklużi kull strument finanzjarju jew fiskali applikabbli, kull applikazzjoni xierqa jew id-dettalji tal-kuntatt;

(d) eżempji tal-aqwa prattika fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali fit-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun f'forma aċċessibbli faċilment u li tinftiehem mill-inkwilini, sidien u negozji ordinarji mill-Istati Membri kollha, kif ukoll mill-awtoritajiet kollha lokali, reġjonali u nazzjonali. Għandha tkun f'forma li tgħin lil dawn l-individwi u l-organizzazzjonijiet jistmaw faċilment l-appoġġ disponibbli għalihom biex itejbu l-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, u biex iqabblu l-miżuri tal-appoġġ bejn l-Istati Membri.

Artikolu 21

Adattament tal-Anness I għall-progress tekniku

Il-Kummissjoni għandha tadatta l-punti 3 u 4 tal-Anness I għall-progress tekniku.

Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati bi skrutinju skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu *22* (2).

Artikolu 22

Il-proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Artikolu 23

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti jrid ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kumissjoni dwar dawk id-disposizzjonijet sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b' kull emenda sussegwenti li taffettwahom. ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu evidenza tal-effikaċja tar-regoli dwar il-pieni fil-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Effiċjenza tal-Enerġija msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE.***

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

Artikolu 24

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru *2010*, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' l-Artikoli 2 sa *18, 20 u 23* tal-Annessi I u II tad-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

L-Istati Membri g ħandhom japplikaw dawn id-dipożizzjonijiet sa fejn huma kkonċernati l-Artikoli 2, 3, 9, *11 sa 13, 17, 18, 20 u 23* sa minn mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010.

L-Istati Membri g ħandhom japplikaw dawn id-dipożizzjonijiet sa fejn huma kkonċernati l-Artikoli 4 sa 8, *14 sa 16, u 18* lil bini okkupat mill-awtoritajiet pubbliċi sa minn mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 u għal bini ieħor sa minn mhux aktar tard mill-31 ta' *Jannar* 2012.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li r-referenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-direttiva imħassra minn din id-Direttiva għandhom jittieħdu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif tali referenza għandha ssir u kif dik l-istqarrija għandha tkun ifformulata.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 25

Revoka

Id-Direttiva 2002/91/KE, kif emendata mir-Regolament indikat fl-Anness III, Parti A, hija revokata b'seħħ mill-1 ta' Frar 2012, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-limiti ta' ħin għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttiva stabbiliti fl-Anness III, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VI.

Artikolu 26

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum tal-pubblikazzjoni tagħha -f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 27

Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi

Għall-Parlament Ewropew	Għall-Kunsill
Il-President	Il-President

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

ANNESS I

Qafas ġenerali għal kalkolu tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini (imsemmi fl-Artikolu 3)

1. Il-prestazzjoni tal-enerġija ta' bini għandha tiġi ddetrminata fuq il-bażi tal-enerġija ***primarja*** annwali kkalukulata jew attwali li tiġi kkunsmata sabiex tilħaq il-ħtiġijiet differenti assoċjati mal-użu ***tradizzjonali*** tagħha, u għandha tirrifletti l-ħtiġijiet tal-enerġija għat-tisħin u l-ħtiġijiet tal-enerġija għat-tberrid (enerġija meħtieġa biex jiġi evitat tisħin żejjed) biex jinżammu l-kundizzjoni tat-temperatura previsti għall-bini. ***Il-konsum, meta jkun japplika, għandu jitqabbel mal-produzzjoni fil-post ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu.***

2. Il-prestazzjoni ta' l-enerġija ta' bini għandha tkun espressa b'mod trasparenti u tista' jinkludi indikatur *numeriku* ▌tal-użu tal-enerġija primarja***, imfissser f'kWh/m² fis-sena***.

Il-metodoloġija tal-kalkolu tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini għandha ***tuża*** l-istandards Ewropej ***u l-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti, inkluża d-Direttiva 2009/28/KE***.

Meta titkejjel il-prestazzjoni tal-enerġija tal-użu tal-elettriku f'bini, il-fattur tal-konverżjoni minn enerġija finali għal dik primarja għandu jqis il-medja weighted ta' kull sena tat-tanlita xierqa tal-fjuwil tal-elettriku.

3. Il-metodoloġija tal-bini għandha tiġi stipulata billi jitqiesu talanqas l-aspetti li ġejjin:

(a) il-karatteristiċi termali attwali li ġejjin tal-bini inklużi t-taqsimiet interni tiegħu

(i) kapaċità termali;

(ii) iżolament, ***kif miksub mill-materjali bl-iktar konduttività termika baxxa disponibbli***;

(iii) tisħin passiv;

(iv) elementi tat-tberrid; u

(v) pontijiet termali;

(b) installazzjonijiet tas-sħana u provvista ta' misħun, inklużi l-karatteristiċi ta' insulazzjoni (iżolament) tagħhom;

(c) installazzjonijiet ta' l-arja kondizzjonata***, inklużi sistemi ta' tberrid***;

(d) ventilazzjoni naturali u mekkanika, li tista' tinkludi sikkar tal-arja;

(e) ***sistemi ta' tidwil fissi karaterizzati minn diżinn ta' tidwil li jqis il-livelli xierqa ta' dawl għall-funzjonijiet li jiġu eżegwiti fil-livell tal-kamra, il-preżenza ta' persuni, id-disponibilità tal-livell xieraq ta' dawl naturali, l-adozzjoni flessibbli ta' livelli tad-dawl li jirrispettaw id-differenzi fil-funzjonijiet u jekk l-installazzjoni hijiex għas-settur mhux residenzjali jew għal dak residenzjali;***

(f) id-disinn, pożizzjonament u orjentazzjoni tal- binja, inkluża l-klima ta' barra;

(g) sistemi solari passivi u protezzjoni solari;

(h) kundizzjonijiet klimatiċi interni, inkluża l-klima intern ddisinjata;

(i) tagħbijiet interni.

4. L-influwenza pożittiva tal-aspetti li ġejjin għandha, fejn ikun relevanti f'dan il-kalkolu, tittieħed f'konsiderazzjoni:

(a) kundizzjonijiet ta' esponiment solari lokali, sistemi solari attivi u sistemi oħra ta' tisħin u elettriku bbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabli;

(b) elettriku prodott mill-koġenerazzjoni;

(c) sistemi ta' tisħin u tberrid distrettwali jew ta' blokk;

(d) dawl naturali.

5. Għall-għan ta' dan il-kalkolu l-bini għandu jkun adegwatament ikklassifikat fil-kategoriji li ġejjin:

(a) djar ta' diversi tipi għal familja waħda;

(b) blokki ta' appartamenti;

(c) uffiċċji;

(d) bini tal-edukazzjoni;

(e) sptarijiet;

(f) lukandi u ristoranti;

(g) faċilitajiet sportivi;

(h) bini fejn jingħataw servizzi bl-ingrossa u bl-imnut;

(i) bini tal-bejgħ bl-ingrossa u l-loġistika;

(j) tipi oħra ta' bini li jużaw l-enerġija.

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

ANNESS II

Sistemi ta' kontroll indipendenti għaċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u rapporti ta' spezzjoni.

1. L-awtoritajiet jew l-entitajiet kompetenti li ġew delegati lihom responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll indipendenti għandhom jagħmlu għażla aleatorja ta' mill-inqas 0,5 % taċ-ċertifikati kollha tal-prestazzjoni tal-enerġija maħruġa kull sena ***minn kull espert*** u jgħadduhom minn verifika. ***Jekk espert indipendenti johroġ ftit ċertifikati biss, l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti għandhom jagħmlu għażla mingħajr ordni ta' mill-inqas ċertifikat wieħed u dan ikun suġġett għall-verifika.*** Il-verifika għandha ssir fuq wieħed minn tliet livelli alternattivi indikati taħt u kull livell ta' verifika għandu jitwettaq mill-inqas għal porzjon statistikament sinifikanti taċ-ċertifikati magħżula:

   (a) verifika tal-validità tad-dejta dwar il-bini użata biex jinħareġ iċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija u r-riżultati ddikjarati fiċ-ċertifikat;

   (b) il-verifika tad-dejta mdaħħla u l-verifika tar-riżultati taċ-ċertifikat, inklużi r-rakkomandazzjonijiet mogħtija;

   (c) verifika sħiħa tad-dejta dwar il-bini użata biex jinħareġ iċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija u r-riżultati ddikjarati fiċ-ċertifikat, verifika sħiħa tar-riżultati mniżżla fiċ-ċertifikat, inklużi r-rakkomandazzjonijiet mogħtija, u żjara fuq is-sit tal-binja sabiex tiġi vverifikata l-korrispondenza bejn l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fiċ-ċertfikat tal-prestazzjoni tal-enerġija u l-bini ċċertifikat.

2. ***Jekk il-kontrolli juru nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti għandhom jagħmlu għażla mingħajr ordni ta' ħames ċertifikati oħra li jkunu maħruġa mill-istess espert u dawn ikunu suġġetti għall-verifika. L-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti għandhom jimponu penali fuq l-espert jekk il-kontrolli miżjuda juru nuqqas ta' konformità; il-ksur l-iktar serju jista' jkun ikkastigat bir-revoka tal-akkreditazzjoni tal-espert.***

3. L-awtoritajiet jew l-entitajiet kompetenti li ġew delegati lilhom responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll indipendenti għandhom jagħmlu għażla aleatorja ta' mill-inqas 0,1 % tar-rapporti kollha tal-ispezzjoni maħruġa kull sena ***minn kull espert*** u jgħadduhom minn verifika. ***Jekk espert indipendenti johroġ biss ftit rapporti ta' spezzjoni, l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti għandhom jagħmlu għażla mingħajr ordni ta' mill-inqas rapport wieħed ta' spezzjoni u dan ikun suġġett għall-verifika.*** Il-verifika għandha ssir fuq wieħed minn tliet livelli alternattivi indikati taħt u kull livell ta' verifika għandu jitwettaq mill-inqas għal porzjoni statistikament sinifikanti tar-rapporti tal-ispezzjoni magħżula.

   (a) verifika tal-validità tad-dejta dwar is-sistema teknika tal-bini użata biex jinħareġ ir-rapport ta' spezzjoni u r-riżultati ddikjarati fir-rapport ta' spezzjoni;

   (b) il-verifika tad-dejta mdaħħla u l-verifika tar-riżultati tar-rapport ta' spezzjoni, inklużi r-rakkomandazzjonijiet mogħtija;

   (c) verifika sħiħa tad-dejta dwar is-sistema teknika tal-bini spezzjonata użata biex jinħareġ ir-rapport ta' spezzjoni, verifika sħiħa tar-riżultati mniżżla fir-rapport ta' spezzjoni inklużi r-rakkomandazzjonijiet mogħtija, u żjara fuq is-sit tal-binja sabiex tiġi vverifikata l-korrispondenza bejn l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fir-rapport ta' spezzjoni u s-sistema teknika tal-bini spezzjonata.

4. ***Jekk il-kontrolli juru nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti għandhom jagħmlu għażla mingħajr ordni ta' ħames rapporti ta' spezzjoni oħra li jkunu maħruġa mill-istess espert u dawn ikunu suġġetti għall-verifika. L-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti għandhom jimponu penali fuq l-espert jekk il-kontrolli miżjuda juru nuqqas ta' konformità; il-ksur l-iktar serju jista' jkun ikkastigat bir-revoka tal-akkreditazzjoni tal-espert.***

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

ANNESS III

Parti A

Id-Direttiva revokata bl-emendi suċċessivi tagħha

(imsemmija fl-Artikolu 25)

Id-Direttiva 2002/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(ĠU L 1, 4.1.2003, p. 65)

Regolament *(KE) Nru 1137/2008* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*ĠU L 311, 21.11.2008, p. 1*) — Punt 9.9 tal-Anness biss

Parti B

Termini ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni

(imsemmija fl-Artikolu 25)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni	Data ta' applikazzjoni
2002/91/KE	L-4 ta' Jannar 2006	L-4 ta' Jannar 2009 fir-rigward tal-Artikoli 7, 8 u 9

ANNESS IV

Prinċipji għal metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-livelli ottimali fir-rigward tal-ispejjeż

Meta tkun stabbilita metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-livelli ottimali fir-rigward tal-ispejjeż, il-Kummissjoni għandha tqis tal-anqas il-prinċipji li ġejjin:

— ***id-definizzjoni ta' binjiet ta' referenza li huma karatterizzati mill-funzjonalità u mil-lok ġeografiku tagħhom kif ukoll li huma rappreżentattivi ta' dawn, inklużi l-kundizzjonijiet klimatiċi ta' ġewwa u ta' barra. Il-binjiet ta' referenza għandhom ikopru kemm binjiet residenzjali kif ukoll mhux residenzjali, ġodda jew diġa eżistenti;***

— ***jiddefinixxu pakketti tekniċi (pereżempju l-iżolament tal-għeluq estern ta' bini jew ta' partijiet minnu jew ta' sistemi tekniċi ta' bini iktar enerġetikament effiċjenti) ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika u tal-forniment tal-enerġija li għad iridu jiġu evalwati;***

— ***id-definizzjoni ta' pakketti tekniċi kompleti mfassla għal bini li ma jikkonsmax enerġija u ma jipproduċix emissjonijiet;***

— ***l-evalwazzjoni tad-domanda għall-enerġija għat-tisħin u t-tberrid, tal-enerġija primarja użata u l-emissjonijiet ta' CO_2 tal-binjiet ta' referenza (inklużi l-pakketti tekniċi definiti applikati);***

— ***l-evalwazzjoni tal-ispejjeż ta' investiment korrispondenti marbuta mal-enerġija, tal-ispejjeż tal-enerġija u spejjeż amministrattivi oħra tal-pakketti tekniċi applikati għall-binjiet ta' referenza u mill-perspettiva soċjali, kif ukoll mill-perspettiva tas-sid tal-proprjetà jew tal-investitur;***

— ***spejjeż reġjonali/lokali u spejjeż marbuta max-xogħol, inklużi l-materjali.***

Billi jiġu kkalkulati l-ispejjeż għaċ-ċiklu ta' ħajja ta' bini fuq il-bażi tal-pakketti tekniċi ta' miżuri applikati għal bini ta' referenza u t-tqegħid ta' dawn f'relazzjoni mal-prestazzjoni enerġetika u tal-emissjonijiet tas-CO_2, l-effiċjenza fil-konfront tal-ispejjeż ta' livelli differenti ta' rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni enerġetika għandha tiġi evalwata.

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

ANNESS V

Strumenti finanzjarji għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini

Bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw tal-anqas żewġ strumenti finanzjarji mil-lista li ġejja:

(a) tnaqqis fil-VAT għall-iffrankar tal-enerġija, il-prestazzjoni għolja tal-enerġija u l-prodotti u s-servizzi tal-enerġija rinnovabbli;

(b) tnaqqis ieħor fit-taxxa fuq prodotti u servizzi li jiffrankaw l-enerġija jew bini enerġetikament effiċjenti, inkluż it-tnaqqis fiskali fuq id-dħul jew it-taxxi fuq il-proprjetà;

(c) sussidji diretti;

(d) skemi ta' self sussidjati jew self b'interessi baxxi;

(e) skemi ta' għotjiet;

(f) skemi ta' garanziji fuq is-self;

(g) rekwiżiti fuq il-fornituri tal-enerġija jew ftehimiet biex joffru għajnuna finanzjarja lill-kategoriji kollha tal-konsumaturi.

ANNESS VI

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Id-Direttiva 2002/91/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 1	Artikolu 1
l-Artikolu 2, formolazzjoni introduttiva	l-Artikolu 2, formolazzjoni introduttiva
Artikolu 2, punt 1	Artikolu 2, punt 1
-	Artikolu 2, punt 5
Artikolu 2, punt 2	Artikolu 2, *punt* 6 u l-Anness I
-	Artikolu 2, punti (7), (9), (11) u (12)
Artikolu 2, punt 3	Artikolu 2, punt 13
Artikolu 2, punt 4	Artikolu 2, punt 14
-	Artikolu 2, punt 15
Artikolu 2, punt 5	Artikolu 2, punt 16
Artikolu 2, punt 6	Artikolu 2, punt 17
Artikolu 2, punt 7	Artikolu 2, punt 18
Artikolu 2, punt 8	Artikolu 2, punt 19
Artikolu 3	L-Artikolu 20 u l-Anness I
Artikolu 4 ‖ (1)	Artikolu 4 ‖ (1)
Artikolu 4 ‖ (2)	-
Artikolu 4 ‖ (3)	Artikolu 4 ‖ (2)
-	Artikolu 4 ‖ (3)
-	Artikolu 4 ‖ (4)
-	Artikolu 5
Artikolu 5	Artikolu 6 ‖ (1)

Il-Ħamis, 23 ta' April 2009

Id-Direttiva 2002/91/KE	Din id-Direttiva
-	Artikolu 6, punt 2
Artikolu 6	Artikolu 7
-	Artikolu 8
-	Artikolu 9
Artikolu 7, ‖ 1	Artikolu 11, Artikolu 12, (1), (2), (3), (4), u (6)
Artikolu 7, ‖ 2	Artikolu 11, (1) u (2).
Artikolu 7, ‖ 3	Artikolu 13
-	Artikolu 12 (4), (7) u (8)
l-Artikolu 8, formolazzjoni introduttiva	l-Artikolu 14, formolazzjoni introduttiva
Artikolu 8, punt (a)	Artikolu 14, (1) u (3)
-	Artikolu 14, (2)
Artikolu 8, punt (a)	Artikolu 14, (4)
Artikolu 9	Artikolu 15, (1)
-	Artikolu 15, (2)
-	Artikolu 16
Artikolu 10	Artikolu 17
-	Artikolu 18
l-Artikolu 11, formolazzjoni introduttiva	L-Artikolu 19, formolazzjoni introduttiva
Artikolu 11, punt (a)	-
-	Artikolu 19, punt (a)
l-Artikolu 11, punt (b)	l-Artikolu 19, punt (b)
Artikolu 12	Artikolu 20
Artikolu 13	Artikolu 21
Artikolu 14, ‖ 1	Artikolu 22, (1)
Artikolu 14, ‖ 2	Artikolu 22, (2)
‖	-
-	Artikolu 23
Artikolu 15, ‖ 1	Artikolu 24, (1) u (2)
Artikolu 15, ‖ 2	-
-	Artikolu 25
Artikolu 16	Artikolu 26
Artikolu 17	Artikolu 27
Anness	Anness I
-	Annessi II sa VI